MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 290/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charles Antonio Bianco**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charles Antonio Biamco talli fis-27 ta' April, 2007 ghall-habta ta' 12.40 p.m. fi Triq Santa Marija B'Kara:

(1) Iggestixxa xi attivita` kummercjali f'xi triq minghajr licenzja mill-awtorita` regolatorja;

(2) Espona vetturi ghall-bejgh minghajr licenzja ta' l-awtorita` kompetenti kif ukoll ipparkja vetturi bla numru tar-registrazzjoni f'lok pubbliku ghall-hsieb li tkun esposta

ghall-bejgh jew bil-kliem (ghall-bejgh) jew kull kliem iehor li jindikaw l-intenzjoni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Lulju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Charles Antonio Bianco hati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghal multa ta' Lm50 izda ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Charles Antonio Bianco pprezentat fis-26 ta' Lulju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti "tikkonferma l-liberazzjoni tieghu mill-ewwel akkuza" u "tirrevoka, thassar u tannulla d-dikjarazzjoni ta' htija ghab-bazi tat-tieni akkuza" u kwindi "tiddikjarah mhux hati mit-tieni akkuza u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena", u f' kaz illi l-Qorti "ssib htija fih in rigward tat-tieni akkuza, hija tnaqqaslu l-multa u tapplika multa izghar addattata ghall-kaz";

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2007 il-prosekuzzjoni eccepiet in-nullita` tar-rikors ta' appell peress illi t-talba hija erroneja. Gie rilevat mill-prosekuzzjoni illi, filwaqt li permezz tas-sentenza appellata l-appellant instab hati ta' l-ewwel imputazzjoni u gie lliberat mit-tieni, fir-rikors ta' appell qed jigi mitlub illi tigi kkonfermata l-liberazzjoni mill-ewwel imputazzjoni u illi jigi lliberat mit-tieni imputazzjoni. L-Avukat Dottor Frank Cassar pero` xehed illi huwa kien prezenti meta nghatat is-sentenza appellata peress illi kien qieghed jiddefendi lill-appellant u jiftakar li l-Magistrat qalet illi kienet qed tillibera lill-appellant (allura imputat) mill-ewwel imputazzjoni u ssibu hati tat-tieni u kkundannatu Lm50. Kien mar kemm-il darba sabiex igib

kopja tas-sentenza izda peress illi kien se jaghlaqlu t-terminu, huwa appella fuq dak li kien sema'.

Minn ezami tas-sentenza miktuba *di proprio pugno* mill-Magistrat sedenti jirrizulta illi fil-parti tas-sejbien ta' htija l-ewwel irreferiet ghat-tieni imputazzjoni (*"Issib lill-imp. hati tat-tieni akkuza"*) imbaghad l-artikolu fil-kelma *"tat"* hu *overwritten* bl-ittra*"l"* biex il-kelma giet taqra *"tal"* filwaqt illi l-kelma *"tieni"* hi *overwritten* bil-kelma *"ewwel"*. Jigifieri huwa probabbli wkoll illi l-Magistrat sedenti lissnet il-kelma *"tieni"* l-ewwel – u huwa proprju dak li sema' Dott. Cassar – imbaghad ikkorregiet ruhha u lissnet il-kelma *"l-ewwel"* izda sadattant Dott. Cassar kien diga` beda jallontana ruhu u ma semax tali korrezzjoni. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax tqis ir-rikors ta' appell null anke peress illi huwa ovvju illi l-appellant appella sabiex jigi lliberat minn dik l-imputazzjoni li taghha nstab hati. Ghalhekk qed tordna l-korrezzjoni tar-rikors ta' appell billi fl-ahhar paragrafu l-kliem "mill-ewwel akkuza" jigu sostitwiti bil-kliem "mit-tieni akkuza" u kull referenza ghat-"tieni akkuza" tigi sostitwita b'refernza ghall-"ewwel akkuza".

Issa, l-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li huwa ghandu kollox in ordni bil-permessi mhallsin; (2) li kellu xi vetturi fit-triq minhabba tindif wara incident fejn vettura baqghet diehla fix-*showroom* tieghu; (3) li hemm konflitt bejn dak li qal is-surgent fl-affidavit tieghu u li ma deherx u ma giex kontroezaminat u dak li xehed l-appellant; (4) il-multa hija qawwija.

Il-provi jistghu jigu sintetizzati hekk:

Fl-affidavit tieghu **P.S. 888 Dunstan Camilleri** jghid illi fis-27 ta' April 2007 ghall-habta tan-12.30 p.m.waqt li kien patrol gewwa Triq St. Mary, B'Kara ghamel spezzjoni fuq Gian Luca Auto Dealer u nnota vetturi bin-numri CAT 248 u IAA 529 ipparkjati f'lok pubbliku kif ukoll vettura Ford Escort bla licenza u bla numru. Irrizulta li s-sid tax-*showroom* huwa Charles A. Bianco I.D. 44368M li gie nfurmat li se jittiehdu passi kriminali kontra tieghu u gie ordnat biex idahhal il-vetturi li kellu fit-triq.

Quddiem l-ewwel Qorti l-Ispettur Kevin Farrugia esebixxa rapport li gie mmarkat Dok. KF1, liema rapport pero` ma jirriferix ghad-data u fatti li ghalihom P.S. 888 ghamel l-affidavit tieghu izda jirreferi ghall-25 ta' April 2007. Dan id-dokument ghalhekk huwa rrilevanti.

**Brian Farrugia** xehed li l-appellant ghandu permessi ta' *auto-dealer* u ghandu kollox regolari. Mistoqsi jekk jistax ibiegh minn got-triq jew minn gox-*showroom*, ix-xhud irrefera ghal sentenza ta' din il-Qorti ta' l-1999 u ghal xi emenda fil-ligi wara dik is-sentenza fis-sens li ghal dak li jirrigwarda permessi godda n-negozju ghandu jsir mill-bieb 'il gewwa. Qal li l-licenzji huma f'idejn it-*Trade Licensing Unit*.

**Paul Agius** mit-*Trade Licensing Unit* xehed li l-appellant ghandu licenzja *"to keep a showroom for the sale of second-hand motor vehicles and to sell auto parts and accessories"*. Mistoqsi jistax ikollu karozza ghal-bejgh u jhalliha barra, ix-xhud wiegeb li ma jidhlux fiha u huma jimxu fuq ix-*showroom*. Fuq barra jidhlu l-Pulizija jew l-ADT.

**L-appellant** xehed illi huwa dejjem kellu l-licenzji biex jiggestixxi n-negozju tieghu. Dwar il-gurnata in kwistjoni rrakkonta kif dakinhar bil-lejl skiddjat xi karozza u baqghet diehla gox-*showroom*. Infurmawh il-Pulizija u mar minnufih fuq il-post. Baqa' hemm il-lejl kollu u pogga karozza fuq il-bankina ghall-protezzjoni tan-nies ghax kien hemm hafna hgieg ma' l-art u bicca aluminium milwija 'l barra. L-Ispettur ta' B'Kara, li jidhirlu kien l-Ispettur Kevin Farrugia, awtorizzah jibda x-xoghol u l-appellant qallu li se jkollu jiftah il-bieb u johrog il-karozzi 'l barra. Skond l-appellant, l-Ispettur qallu li ma kienet problema ta' xejn. Xi hin bejn 12.00 p.m. u s-1.00 p.m. ghadda tat-*traffic* li rrimarkalu dwar tliet karozzi u ghalkemm l-appellant indikalu li seta' jara li qed jaghmel ix-xoghol, il-pulizija wiegbu li baghtuh jaghmel xoghlu. Skond l-appellant iz-zewg karozzi li saret refernza ghalihom fl-affidavit kienu diga` mibjughin, lesti bil-licenzji u kollox imhallas, kemm jigu l-klijenti ghalihom. In kontro-ezami qal li huwa ghandu

permess biex ihalli sa erba' karozzi barra izda hu ma jhallihomx ghax inbnew hafna postijiet.

L-ewwel nett jigi osservat illi l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu kkummenta dwar il-fatt li P.S. 888 ma giex kontroezaminat. Dan certament ma hu tort ta' hadd hlief ta' l-istess appellant peress illi kellu kull dritt li jipproducieh ghall-kontro-ezami kif jirrizulta mill-artikolu 360A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa, minn dak li jirrizulta lil din il-Qorti ma jidhirx li l-appellant qieghed jikkontesta l-fatt li kellu almenu karozza wahda minghajr numri li kienet barra x-*showroom* tieghu. Izda huwa ta spjegazzjoni dwar ir-raguni ghaliex kien hareg il-karozzi mix-*showroom*. Fl-affidavit ta' P.S. 888 ma hemm l-ebda referenza ghal xi xoghol li kienet qieghed isir fix-*showroom* izda dan ma jfissirx li l-appellant m'ghandux jitwemmen. Tant hu hekk li anke l-ewwel Qorti jidher li emmnitu peress illi ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni, cioe` li espona vetturi ghall-bejgh minghajr licenzja kif ukoll li pparkja vetturi bla numru ta' registrazzjoni f'lok pubbliku ghall-hsieb li tkun esposta ghall-bejgh jew bil-kliem "ghall-bejgh" jew kull kliem iehor li jindikaw l-intenzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti setghet marret pass oltre u ddikjaratu mhux hati wkoll ta' l-ewwel imputazzjoni – kif sejra taghmel din il-Qorti – peress illi ma jirrizultax illi b'dak li ghamel l-appellant huwa kien qieghed "jiggestixxi" attivita` kummercjali fit-triq. Jidher li din kienet cirkostanza ta' *force majeure* fejn l-appellant hareg il-karozzi minhabba l-incident li kien gara sabiex ikunu jistghu jsiru t-tiswijiet mehtiega. Barra minn hekk mill-affidavit ta' P.S. 888 ma jirrizultax li l-vetturi CAT-248 u IAA-529 kienu bla licenzja u l-anqas ma jirrizulta li dawn il-vetturi u l-Ford Escort kellhom xi indikazzjoni li kienu ghall-bejgh.

Ghaldaqstant l-appell jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx

lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu hamsin lira (Lm50) multa u minflok tiddikjarah mhux hati ta' din l-imputazzjoni u minnha tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------